**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2002**

**Numru 38**

**Avviz. numru 902/02JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghannom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Joseph Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm340.13), rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta` attrici ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Lloyds**

**(Malta) Limited fil-kwalita` taghha ta' raprezentant ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffurmaw id-ditta assikuratrici ossia sindakat li jgib in-numru 1069 u joperaw taht l-isem HR Rivington & Others, Millenium Insurance Agency Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Rose Anne Debono vs Joseph Zammit (Avv. Nru. 115/01/AJD – deciza 19 ta' Dicembru, 2001), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-8 ta' Mejju, 2000, gewwa Blata l-Bajda bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numru ta' registrazzjoni IAM-034 u l-vettura proprjeta` ta' Rose Anne Debono bin-numru ta' registrazzjoni LCC-326, u dan wara illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta` attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kien obbligat illi jaghmel ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, liema nuqqas jintitola lis-socjeta` attrici sabiex tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini tal-polza relattiva.**

**Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifikata' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**
**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Ramona Frendo ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erbghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm340.13), bl-imghaxijiet legali mit-18 t'April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**